# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-5 ta Gunju 2023**

**Rikors Nru : 398/2022 JPG**

**Kawza Nru : 24**

**PP**

**vs**

**DP**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tal-attur datat 22 ta' Lulju 2022 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

> *Illi l-Kontendenti żżewġu nhar l-erbatax ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u tnejn u tmenin (14/09/1982), b'rit Kattoliku, liema żwieġ huwa reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv wieħed tmienja wieħed tnejn tas-sena elf disa' mija u tnejn u tmenin (1812/1982) u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ li kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A;*
>
> *Illi minn dan iż-żwieġ twieldu tlett ulied, illum ilkoll adulti;*
>
> *Illi l-partijiet ilhom separati de jure mit-tletin ta' Jannar tas-sena elfejn u ħmistax (30/01/2015) b'kuntratt ta' separazzjoni viġenti bejniethom fl-Atti tan-Nutar Dr. Jean Carl Debono, kopja ta' liem kuntratt tinsab hawn annessa u mmarkata bħala Dok. B;*

*Illi fl-istess kuntratt ta' separazzjoni personali, il-kontendenti ddekadew reċiprokament mid-dritt għall-manteniment mingħand xulxin;*

*Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni stante illi l-partijiet jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi in sostenn ta' dan l-esponenti qiegħed jippreżenta affidavit tiegħu hawn anness u mmarkat bħala Dok. C;*

*Illi għar-raġunijiet hawn fuq premessi, ir-rekwiżiti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta huma kollha sodisfatti, skont kif tirrikjedi l-Liġi u kwindi m'hemm l-ebda impediment għall-ħall taż-żwieġ;*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet skont l-artiklu 66D tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li ġie ċċelebrat nhar l-erbatax ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u tnejn u tmenin (14/09/1982).*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat illi nhar il-25 ta' Mejju 2023 l-intimata dehret mhux assistita ghas-seduta mhejjija u wara li l-Qorti spejgatilha d-drittijiet legali taghha, hija dikkjarat illi ma kienitx tehtieg assistenza legali u li ma kellhiex oggezzjoni ghad-divorzju; (vide fol 30);

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** (vide affidavit fol 9) illi l-partijiet izzewgu nhar l-14 ta' Settembru 1982, u minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, llum maggiorenni. Sostna illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Jean Carl Debono nhar it-30 ta' Jannar 2015. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**L-intimata xehedet** (vide fol 31) u kkonfermat u kkorraborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-14 ta' Settembru 1982, liema zwieg jgib certifikat numru 1812/1982 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, llum mggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Jean Carl Debono nhar it-30 ta' Jannar 2015 (Vide fol 5 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1812/1982 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**